MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tas-7 ta' Dicembru, 2011

Appell Kriminali Numru. 49/2011

**Il-Pulizija**

**v.**

**Ananbeh Abdel Hafez**

Il-Qorti,

**1.** Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Ananbeh Abdel Hafez talli fl-14 ta' April 2006 u fix-xhur ta' qabel:

(1) bla hsieb li jisraq jew li jaghmel hsara kontra l-ligi, izda biss biex jezercita jedd li jippretendi li ghandu, gieghel bl-awtorita` tieghu innfisu, lil Edoardo Tanti jesegwixxi obligazzjoni tkun li tkun, jew fixkel lil Edoardo Tanti fil-pussess ta' hwejgu u cioe` kamra fil-fond 38 Brighella Str., Hamrun, jew b'xi mod iehor kontra l-ligi ndahal fi hwejjeg Edoardo Tanti;

(2) bi hsara tas-sid jew tad-detentur, ghamel vjolazzjoni kontra l-proprjeta` ta’ Edoardo Tanti.

Il-Qorti giet mitluba tordna lill-imsemmi Ananbeh Abdel Hafez johrog mill-fond imsemmi taht penali li l-Qorti jidhrilha xieraq;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-21 ta’ Jannar 2011 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Ananbeh Abdel Hafez hati ta’ l-imputazzjonijiet dedotti bl-assorbiment tat-tieni imputazzjoni fl-ewwel wahda u, wara li rat l-artikoli 85 u 340(d) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, ikkundannatu multa ta’ hamsin euro (€50);

**3.** Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-imsemmi Ananbeh Abdel Hafez ipprezentat fit-2 ta’ Frar 2011 li permezz tieghu talab li din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza appellata fit-totalita` taghha, u dan billi tilliberah minn kull piena u imputazzjoni;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawza; rat il-fedina penali aggornata ta’ l-appellant esebita mill-prosekuzzjoni b’ordni ta’ din il-Qorti; semghet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** L-aggravji ta’ l-appellant huma fil-qosor is-segwenti: (1) li huwa mhuwiex identifikat bil-mod kif tesigi l-ligi billi ma gewx pubblikati l-konnotati kollha tieghu u dan jista’ jwassal ghal nebolozita` fl-identifikabilita` tieghu; (2) li l-imputazzjoni kif dedotta ma tistax tirrizulta stante li huwa kien fil-pussess tal-fond residenzjali tieghu meta biddel is-serratura.

**6.** Dwar l-ewwel aggravju ssir referenza ghas-subartikolu (2) ta’ l-artikolu 360 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta li jipprovdi, *inter alia*, li c-citazzjoni “ghandha ssemmi car il-persuna mharrka”. Huwa minnu li fic-citazzjoni ma gewx indikati l-ismijiet tal-genituri ta’ l-appellant (allura imputat), izda fic-citazzjoni hemm partikolaritajiet ohrajn moghtija, u cioe` l-post tat-twelid, id-data tat-twelid, il-post ta’ residenza u n-numru tal-karta ta’ l-identita`. Barra minn

hekk, wara li gie notifikat bic-citazzjoni huwa deher il-Qorti u ma tirrizulta ebda kontestazzjoni dwar jekk huwiex il-persuna li ghaliha tirreferi c-citazzjoni. Anzi, mill-verbali li saru fis-seduta tad-9 ta’ Gunju 2006 quddiem l-ewwel Qorti deher car illi giet imharrka l-persuna t-tajba. Ghalhekk l-ewwel aggravju qieghed jigi michud.

**7.** Dwar it-tieni aggravju l-appellant jghid illi l-kwerelant ma kienx joqghod fil-post imsemmi u kien ftiehem ma’ l-appellant li seta’ joqghod hemm mal-familja tieghu. Minkejja l-fatt li l-kwerelant kellu c-cavetta tal-fond fejn kien joqghod l-appellant, dan ma jfissirx illi huwa seta’ jidhol u johrog mill-istess x’hin ried hu. Fl-ebda hin ma l-appellant awtorizza lill-kwerelant jidhol fl-istess fond sabiex jiehu minn hemm dak li kien qieghed jippretendi li hu tieghu. Ghalhekk l-appellant kellu kull ragun jiehu l-prekawzjonijiet li ha. Kien il-kwerelant li ha l-ligi b’idejh meta mar biex jiehu *computer* mill-fond ta’ l-appellant ghax hekk dehrlu li kellu dritt jaghmel. Dwar dan il-fatt, ikompli jghid l-appellant, inhargu akkuzi wkoll kontra l-kwerelant u li taghhom instab hati f’sentenza separata. Ghalhekk, isostni l-appellant, ghandu jigi liberat minn kull imputazzjoni.

**8.** Il-*parte civile* Edoardo Tanti xehed li nkariga lill-appellant biex jaghmillu xi xoghol fil-garaxx li jinsab 38 Brighella Street, Hamrun. L-appellant qallu: “Jekk norqod hawn, ghax ghandi xoghol iehor, u naghmilhulek bil-lejl biex ma nitlifx xoghol.” Skond dan ix-xhud, huwa ma sabx oggezzjoni li l-appellant jaghmel ix-xoghol bil-lejl. Gara li kellu jidhol l-Isptar u meta hareg sab li x-xoghol mhux lest u c-cavetta mibdula. Imbaghad, mistoqsi jekk ftehemx ma’ l-appellant li ha joqghod fil-post wahdu, ix-xhud qal: “Le, le, le jiena ftehemt mieghu li jirrangali.” Ix-xhud qal ukoll li meta dahal fil-post sab mart l-appellant li ma kienx jaf li se jsibha hemm.

**9.** Skond l-appellant kien Edoardo Tanti stess li tah permess joqghod fil-fond in kwistjoni. Gara izda li wara ftit, ad insaputa ta’ Tanti, l-appellant dahhal fil-fond lil martu u lil ibnu. Darba minnhom Tanti dahal fil-fond u sabhom hemm. Wara dan l-incident l-appellant biddel is-serratura

tal-bieb biex l-imsemmi Tanti ma jkunx jista' jaqbad u jidhol.

**10.** M'hemm l-ebda dubju illi l-appellant ma kellux permess minghand il-*parte civile* biex ibiddel is-serratura tal-bieb. Difatti l-appellant ghamel dan bl-iskop preciz li jwaqqaf lill-*parte civile* milli jidhol fil-fond in kwistjoni. L-appellant emmen li seta' jaghmel hekk ghax kien qieghed jirrisjedi fl-imsemmi fond. Izda b'dak li ghamel huwa ha l-ligi b'idejh ghax il-*parte civile* xorta kellu l-pussess legali tal-fond. Konsegwentement it-tieni aggravju huwa michud ukoll.

**11.** Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------